# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Dsatax (19) ta’ Mejju 2022**

**Rikors Numru 148/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Moira Kuijt (K.I. 1657741M)**

**Vs**

**Framegrip Limited u Framegrip Industries Limited**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 16 ta’ Frar 2017, li permezz tiegħu talbu s-segwenti:

   1. *Illi l-esponenti kienu taw appalt lis-soċjeta’ intimata sabiex taħdem u tinstalla numru ta’ bibien b’pannelli ta’ ħġieġ fil-fond propjeta’ tagħhom ossija ‘Milford Sound’, 5, Triq in-Namur, Iklin. Illi l-valur ta’ dan l-appalt jammonta għall-€51,975 oltre il-VAT, liema panelli ġew installati fil-proprjeta’ ta’ l-esponenti.*

   2. *Illi Joseph Vella, ossija ir-rappreżentant tas-soċjeta’ intimata, qabel ħareġ il-quote u ġie miftiehem l-appalt, kien inspezzjona l-proprjeta ta’ l-esponenti għall-ben tlett darbiet, u effettivament kien*

*ben konsapevoli ta' x'kienu ir-rekwiżiti u s-sodezza tal-ħġieġ li kellu jiġi ordnat.*

3. *Illi effettivament kien Joseph Vella li ggwida lill-esponenti dwar liema ħġieġ kellu jiġi nstallat u dan bħala l-persuna professjonist fil-qasam tal-ħġieġ.*

4. *Illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li kellu jiġi nstallat ħġieġ idoneju għall-użu li għalih kien qiegħed jiġi nstallat u l-appaltatur kien ben konsapevoli ta' fejn dan il-ħġieġ kellu jiġi nstallat, u l-elementi li kien ser ikun espost għalihom.*

5. *Illi uħud mill-pannelli tal-ħġieġ installati, ossija il-pannelli mmarkati bħala Fixed Frame NC Superthermic ta' daqs 1500 x 3400, u żewġ pannelli Fixed Frame NC 65 Superthermic ta' daqs 2900 x 2800 ixxaqqu waħedhom u dan għaliex ma kinux idoneji għall-użu intiż.*

6. *Illi il-ħġieġ in kwistjoni ma kienx jirrispekkja l-użu li għalih kienu inxtraw oriġinarjament ġia la darba minħabba x-xemx il-ħġieġ in kwistjoni ixxaqqaq u nkiser waħdu, u dan kif jirriżulta mir-ritratti Dok A sa J hawn annessi.*

7. *Illi kif jirriżulta mir-rapport tal-Perit Albert Cauchi, li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok K, il-ħġieġ ma kienx idoneju sabiex jissaporti bdil fit-temperatura, u dan minkejja illi l-istess ħġieġ kien suppost super thermic, kif del resto jirriżulta mill-isem ta' l-istess panelli, u dan oltre li dan il-ħġieġ sar fuq l-istruzzjonijiet mogħtija mis-soċjeta' intimata stess.*

8. *Illi l-esponenti kienet intavolat claim mal-kumpanija assiguratriċi tagħha, liema claim kienet ġiet miċħuda ġia la darba l-kumpanija assiguratriċi kienet infurmatha, wara li nġiebu l-esperti appożiti, illi l-ħsarat kienu ir-responsabbilita ta' Framegrip Limited li ma eżegwiex l-appalt li għalih ġie mqabbad skond is-sengħa w l-arti ġia la darba huwa nstalla ħġieġ li ma kienx idoneju għall-użu li għalih kien intiż u għalhekk kien kiser l-obbligi tiegħu.*

9. *Illi s-soċjeta' intimata tramite Joseph Vella għall-diversi drabi tul dawn l-aħħar snin dejjem wegħdet illi ser tbiddel il-pannelli tal-ħġieġ in kwistjoni kif del resto hija obbligata skond il-ligi, u dejjem ammettiet ir-responsabilita tagħha għall-bdil tal-pannelli imma minkejja dan hija xorta waħda baqgħet inadempjenti.*

10. *Illi l-esponenti kienu saħansitra interpellaw lis-soċjeta' intimata sabiex tagħmel ix-xogħolijiet kollha neċessarji sabiex jinbidlu l-pannelli in kwistjoni imma ma dana kollu s-soċjeta' intimata xorta waħda baqgħet inadempjenti.*

11. *Illi minħabba l-inadempjenza tas-soċjeta' intimata l-fond proprjeta' ta' l-esponenti jinsab fi stat perikoluż ġia la darba il-ħġieġ in kwistjoni huwa mxaqqaq u jista' jinkiser f'kull ħin.*

12. *Illi l-esponenti lanqas biss jistgħu jgawdu darhom, ġia la darba huma jibżgħu illi tinqala' xi traġedja speċjalment kunsidrat li huma għandhom żewġt itfal ta' erbgħa snin u sentejn rispettivament jew inkella jikru l-proprjeta in kwistjoni lill-terzi, ġia la darba l-ħġieġ in kwistjoni jinsab fi stat perikoluż.*

13. *Illi dan apparti l-fatt illi l-bibien bil-ħġieġ akkwistati mingħand is-soċjeta' intimata mill-esponenti li ovvjament għandhom bżonn jiġu mantnuti regolarment, m'humiex qegħdin jiġu mantunti għas-sempliċi raġuni li l-intimat qiegħed jevita lill-esponenti kompletment sabiex huwa ma jaqdix l-obbligi tiegħu skond il-liġi u jsewwi l-panelli tal-ħġieġ miksura.*

14. *Illi permezz ta' l-ittra uffiċċjali hawn annessa u mmarkata Dok L l-esponenti interpellat lis-soċjeta' intimata sabiex tagħmel dawk ix-xogħolijiet riparatorji kollha neċessarji imma minkejja dan is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti*

15. *Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment u qiegħda tikkonfermahom bil-ġurament tagħha Moira Kuijt.*

*Għaldaqstant l-esponenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi;*

1. *Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata kisret l-obbligi tagħha u dan stante illi hija installat pannelli tal-ħġieġ li ma kinux idoneji għall-appalt mogħti lilha.*

2. *Tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija responsabbli sabiex tagħmel dawk ix-xogħolijiet riparatorji kollha neċessarji inkluż li tibdel il-pannelli tal-ħġieġ li huma danneġġjati ġia la darba ma kinux idoneji għall-użu intiż u għall-appalt mogħti.*

3. *Tordna lis-soċjeta' intimata sabiex tagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha rimedjali neċessarji u tbiddel il-panneli u ssewwi il-ħsara kkaġunata jekk jeħtieġ taħt id-direzzjoni ta' Perit Nominandi.*

4. *Fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti tagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji a spejjeż tas-soċjeta' intimata jekk jeħtieg bl-għajnuna ta' Perit nominandi.*

> 5. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti minħabba l-aġir abbużiv u llegali u l-inadempjenza tas-soċjeta' intimata.*
>
> 6. *Tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lill-esponenti dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata li minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-15 ta'Marzu 2017 Framegrip Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

> 1. *Illi s-socjetà esponenti m'hijiex il-leġittima kontradittriċi tal-atturi u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi;*
>
> 2. *Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ħsara minnhom lamentata m'hijiex addebitabbli lis-soċjetà esponenti.*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Għaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha a karigu tal-atturi.*

3. Rat illi fid-29 ta' Mejju 2017, ir-rikorrent talbu l-kjamat in kawża tas-soċjeta' Framegrip Industries Limited, liema talba intlaqgħet dakinhar stess.

4. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2017 Framegrip Industries Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti:

> *1. Illi 1-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ħsara lamentata mill-atturi m'hijiex addebitabbli għas-soċjetà esponenti.*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Għaldaqstant, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha a karigu tal-atturi.*

## Provi:

5. Rat ir-ritratti eżebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rapport tal-Perit Albert Cauchi datat 15 ta' April 2014, lkoll ippreżentati flimkien mar-rikors promotur.

6. Rat illi fil-21 ta' Ġunju 2017, il-kawża tħalliet għall-provi.

7. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Moira Kuijt** ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2017 (fol 39) u d-dokumentazzjoni minnha ppreżentati.

8. Rat l-affidavit ta’ **Carmen Ward**, oħt ir-rikorrenti Moira Kuijt, ippreżentat fis-7 ta’ Novembru 2017 (fol 54).

9. Rat ix-xhieda tal-**Perit Albert Cauchi** mogħtija fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2017 (fol 38).

10. Rat ix-xhieda ta’ **Bjorn Kuijt** mogħtija fis-seduta tas-7 ta’ Novembru 2017 (fol 58).

11. Rat ix-xhieda ta’ **Maria Zammit**, rappreżentant ta’ Assikura Insurance Brokers, mogħtija fis-16 ta’ Jannar 2018 (fol 62).

12. Rat ix-xhieda tal-**Perit Michael Pace** mogħtija fis-16 ta’ Jannar 2018 (fol 64).

13. Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ Moira Kuijt mogħtija fis-27 ta’ Frar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentati (fol 66).

14. Rat illi fis-27 ta’ Frar 2018, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

15. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Moira Kuijt li saret fl-20 ta’ Marzu 2018 (fol 75).

16. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Bjorn Kuijt li saret fit-2 ta’ Mejju 2018 (fol 79).

17. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Corinne Ward li saret fit-18 ta’ Ottubru 2018 (fol 82).

18. Rat ix-xhieda ta’ **Joseph Vella**, rappreżentant tas-soċjeta’ intimata u kjamata in kawża, datata 18 ta’ Ottubru 2018 (fol 85).

19. Rat illi dina l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti fil-11 ta’ Ottubru 2019.

20. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrenti fuq talba tas-soċjeta’ intimata u kjamat in kawża, ossija dokumentazzjoni tal-VAT fil-11 ta’ Ottubru 2019 (fol 91).

21. Rat illi fil-5 ta’ Frar 2020, is-soċjeta’ intimata u kjamata in kawża ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

22. Rat ix-xhieda ta’ Joseph Vella in kontro-eżami datata 20 ta’ Ottubru 2020 (fol 110).

23. Rat illi fl-20 ta’ Ottubru 2020, is-soċjeta’ intimata u kjamata in kawża talbet il-ħatra ta’ Espert Tekniku.

24. Semgħet ix-xhieda ta’ Joseph Vella in kontro-eżami datata 16 ta’ Diċembru 2020 (fol 165).

25. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Qorti appuntat lill-Professur Alex Torpiano bħala Espert Tekniku biex jevalwa l-kawża tal-ħsarat meritu tal-kawża odjerna.

26. Rat ir-rapport tal-**Perit Professur Alex Torpiano** ippreżentat fid-19 ta' April 2021 (fol 175).

27. Rat ir-risposti tal-Perit Tekniku għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti ippreżentati fit-18 ta' Ġunju 2021 (fol 195).

28. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' intimata fis-27 ta' Settembru 2021 (fol 200).

29. Rat illi fis-16 ta' Novembru 2021, il-partijiet ddikjaraw illi ma kienx hemm aktar provi u għalhekk il-kawża setgħet titġalla għas-sottomissjonijet finali bil-miktub.

30. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Moira Kuijt ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2022 (fol 206).

31. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Framegrip Limited u Framegrip Industries Limited ippreżentata fis-17 ta' Marzu 2022 (fol 221).

32. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

## Fatti tal-każ

33. Jirriżulta li, mid-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' intimata flimkien mar-risposta tagħha, s-soċjeta' kjamata in kawża Framegrip Industries Limited ġiet inkarigata mir-rikorrenti biex tagħmel xogħol ta' twaħħil ta' pannelli tal-ħġieġ mal-fond tar-rikorrenti Milford Sound, 5 Triq in-Namur, Iklin.

34. Jirriżulta li dan ix-xogħol kien jikkonsisti f'installazzjoni ta' pannelli kbar tal-ħġieġ li, f'partijiet tal-proprjeta`, kienu se jissostitwixxu ħitan peress li saru bl-intiża li d-dar tkun imdawra bil-ħġieġ minflok b'ħitan normali.

35. Jirriżulta li Joseph Vella, in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta, kien aċċeda u ispezzjona l-proprjeta` tar-rikorrenti, qabel ħareġ il-kwotazzjoni relattiva għax-xogħol rikjest fid-9 ta' Jannar 2013, kif jidher fl-email minnu mibugħta lir-rikorrenti dakinhar stess – fol 44. Huwa iggwida lir-rikorrenti xi ħġieġ għandu jintuża bħala professjonist fil-qasam tal-ħġieġ.

36. Jirriżulta li sussegwentement għall-appalt miftiehem, il-pannelli mmarkati Fixed Frame NC Superthermic, u żewġ pannelli Fixed Frame Superthermic ixxaqqu waħedhom, kif jidher mir-ritratti eżebiti Dok A sa J.

37. Jirriżulta li r-rikorrenti eżebew rapport tal-Perit Albert Cauchi datat 15 ta' April 2014 (fol 10), f'liema rapport hemm indikat li l-ħġieġ ma kienx idoneju sabiex

jissaporti bdil fit-temperatura, minkejja li l-istess ħġieġ kien suppost super thermic.

38. Jirriżulta li permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Settembru 2015 (fol 13), ir-rikorrenti interpellaw lis-soċjeta' konvenuta sabiex tagħmel dawk ix-xogħolijiet riparatorji neċessarji, iżda s-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti.

39. Fir-rapport tal-Perit Alex Torpiano, ġie kkonstatat li l-kawża tal-ħsara tal-ħġieġ hija indubbjament *thermal stress*, illi kien hemm bżonn attenzjoni speċjalizzata fl-għażla tal-materjal u kien aktar indikat li jintuża ħġieġ li kellu l-ogħla reżistenza tal-effetti ta' *thermal stress*, u ċioe` ħġieġ ittemprat minflok ħġieġ laminat. Huwa di fatti jikkonkludi kif ġej:

> *Illi l-esponenti jikkonkludi li l-kawża tal-ħsara fil-ħġieġ hija ndubbjament "thermal stress""; illi fiċ-ċirkostanzi ta' l-installazzjoni, jiġifieri l-qies tal-pannelli, l-orjentazzjoni tal-bini, l-isporġenzi li jdellu parti mill-wiċċ tal-pannelli, u l-kulur u t-trattment tal-ħġieġ, ħolqu sitwazzjoni fejn problemi ta' "thermal stress" kienu aktar possibbli, u għalhekk kien hemm bżonn attenzjoni speċjalizzata fl-għażla tal-materjal; u finalment illi, fl-istess ċirkostanzi, kien ikun aktar indikat li jintuża ħġieġ li kellu l-ogħla reżistenza għall-effetti ta' "thermal stress"', jiġifieri ħġieġ ittemprat aktar minn dak laminat. Mix-xiehda jidher li r-rappreżentant tas-soċjeta intimata kien offra stima biż-żewġ tipi ta" "safety glass'", jiġifieri bi ħġieġ ittemprat kif ukoll ħġieġ laminat; m'huwiex ċar jekk kienx spjegat b'mod suffiċjenti d-differenza ta' prestazzjoni bejn it-tnejn, meta saret l-għażla.*

40. In eskussjoni għad-domandi tar-rikorrenti, il-Perit Torpiano wieġeb li hemm obbligu fuq min jimmanifattura prodotti għall-użu tal-bini biex tiġi ppreparata Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni dwar l-istess prodotti. Huwa ikkonfema li ma sab u ma ra l-ebda kwotazzjoni għall-ħġieġ ieħor minbarra dak laminated. Huwa ma setax jikkonferma li x-xquq fil-ħġieġ kienu biss f'dak il-ħġieġ li ġie ordnat mis-soċjeta' Taljana għaliex ma kienx hemm dokumentazzjoni li turi li l-ordni tal-ħġieġ kollu minn fejn saret. Huwa ddeskriva wkoll id-differenza bejn ħġieġ ittemprat li jitfarrak meta jinkiser għalhekk huwa aktar sigur u b'saħħtu minn ħġieġ laminat. Fir-rigward tal- ħġieġ laminat, qal, li dan huwa ħġieġ normali b'saff jew saffi ta' materjali viniliku.

41. Jirriżulta li r-rikorrenti qed jipproċedu b'dan il-każ stante li l-fond tagħhom jinsab fi stat perikoluż tenut kont li għandhom żewġt itfal żgħar, għalhekk qed jeżigu li x-xogħol eżegwit jiġi rimedjat.

## L-ewwel eċċezzjoni preliminari

42. Ġie eċċepit preliminarjament, li s-soċjeta' Framegrip Limited mhijiex il-leġittimu kontradittur stante li ma kellhiex relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. Minflok kienet is-soċjeta' Framegrip Industries Limited li ħarġet l-invoices, li jinsabu annessi mar-risposta ta' Framegrip Limited.

43. Ir-rikorrenti sostniet fl-affidavit tagħha, li hija dejjem ikkomunikat ma' Joseph Vella, li huwa direttur kemm tas-soċjeta' Framegrip Industries Limited u kemm ta' Framegrip Limited. Il-kwotazzjoni tidher li ħarġet minn Framegrip Limited kif jidher fl-email datata 9 ta' Jannar 2013 fuq ġia imsemmi (fol 44), iżda l-istess rikorrenti ikkonfermat li hija ħallset lil Framegrip Industries Limited.

44. Jirriżulta li permezz ta' digriet datat 29 ta' Marzu 2017, ġiet kjamata in kawża is-soċjeta' Framegrip Industries Limited. Għalhekk, ladarba huwa evidenti li l-invoices inħarġu fuq Framegrip Industries Limited, hija din is-soċjeta' li għandha tirrispondi għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

45. Fid-dawl tas-suespost, qed jiġi dikjarat li Framegrip Limited mhijiex il-leġittimu kontradittur u qed tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

46. Għalhekk tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-istess soċjeta' Framegrip Limited.

**Konsiderazzjonijiet fil-mertu**

47. Permezz tal-każ odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu li jiġi dikjarat li s-soċjeta' konvenuta kisret l-obbligi tagħha billi nstallat pannelli tal-ħġieġ mhux idoneji għall-appalt mogħti lilha. Konsegwentement, qed jintalab li jsiru x-xogħolijiet kollha neċessarji. Inoltre`, qed jintalbu d-danni konsegwenza tal-inadempjenza tas-soċjeta' konvenuta.

48. Minn naħa l-oħra, ġie eċċepit minn Framegrip Industries Limited li l-azzjoni attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ħsara lamentata mill-atturi mhijiex addebitabbli għas-soċjeta' rikorrenti.

49. Jibda biex jingħad, li huwa evidenti li l-każ odjern jitratta kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti, liema kuntratt ta' appalt kien jikkonsisti f'installazzjoni ta' ħġieġ madwar il-fond proprjeta` tagħhom fl-Iklin. Wara li dan il-ħġieġ installat ixxaqqaq wara ftit gimgħat, ir-rikorrenti interpellaw lis-soċjeta' konvenuta sabiex tirrimedja x-xogħol, iżda s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti.

50. Ir-rikorrenti issottomettew fis-sottomissjonijiet, li Joseph Vella, in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta, ma kienx tahom l-ebda kwotazzjoni ta' ħġieġ tempered oriġinarjament. Ġie sostnut ukoll fis-sottomissjonijiet, li jinkombi fuq l-appaltatarju li jippresta xogħol idoneju u adattat li jaqdi l-funzjonijiet li għalih ikun sar l-appalt. Inoltre`, saret referenza għar-rapporti tal-Periti, ossija kemm tal-Perit Albert Cauchi, l-perit ex parte, kif ukoll tal-Perit Alex Torpiano, il-Perit maħtur mill-Qorti, li t-tnejn qablu li x-xquq u d-dannu fil-ħġieġ ma sarx kawża ta' impatt iżda indubbjament b'kawża ta' '*thermal shock*'. Għalhekk, ir-rikorrenti issottolineaw li l-ħġieġ supplit ma kienx adattat għall-iskop li għalih inbiegħ speċjalment il-klima ta' Malta u għall-fond fejn twaħħal. Għalhekk, ir-rikorrent ikollhom kull dritt jippretendu li x-xogħol isir skont is-sengħa u l-arti.

51. Minn naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ġie sostnut, li għalkemm il-ħġieġ ittemprat inaqqas ir-riskju ta' *thermal stress*, iżda r-riskju ta' dannu b'*thermal stress* mhuwiex eskluż għal kollox. Inoltre`, saret referenza wkoll għat-tweġibiet u d-deskrizzjoni tal-Perit Tekniku in eskussjoni, fejn issemmew fatturi bħal orjentazzjoni tal-faċċata, is-sistema li biha jissaħħan il-bini, b'hekk is-soċjeta' intimata qed tindika li mhux għax il-ħġieġ ma kienx adattat, saret il-ħsara iżda minħabba fatturi oħra.

52. Din il-Qorti ser tibda biex tagħmel referenza l-osservazzjonijiet u konklużjonijiet raġġunti mill-Perit Tekniku inkarigat mill-Qorti, il-Perit Alex Torpiano li ikkonstata s-segwenti:

> *"Illi għaldaqstant, l-esponenti m'għandux dubju li l-ħsara seħħet minħabba "thermal stress".*
>
> *Illi dwar l-għażla tat-tip tal-ħġieġ, l-esponenti jirrileva li dak li jissejjaħ "safety glass" huwa ħġieġ li huwa iżjed b'saħħtu minn ħġieġ normali, u huwa intenzjonat li meta jinkiser ma jiffurmawx biċċiet tal-ħġieġ bil-ponta li huma perikolużi, speċjalment f'kuntest fejn nies jistgħu jidħlu f'kuntatt mal-ħġieġ – għalhekk "safety glass" kien meħtieġ fis-sitwazzjoni odjerna. Illi hemm żewġ tipi ta' "safety glass" dak li jissejjaħ "laminated", jiġifieri b'saffi tal-ħġieġ inkollati flimkien ma' saff tal-plastik (PVB) - kif intuża f'dan il-każ,u dak li jissejjaħ ittemprat "tempered", li jitwebbes billi l-wiċċ jiġi pproċessat b'manipulazzjoni tat-temperatura jew b'kimiċi partikolari. Fix-xhieda ssemma' "heat soak testing", li jinvolvi li ħġieġ ittemprat jiġi espost għal temperatura għolja għal perjodu ta' żmien, biex jiġi stabbilit jekk hemmx x'impurita` li tista' twassal għal ksur spontanju tal-ħġieġ – dan mhuwiex proċess ta' tisħiħ imma ta' ittestjar, jew kontroll ta' kwalita`.*
>
> *Il-ħġieġ ittemprat jiflaħ għal "thermal stress" ħafna aktar minn dak laminat.*
>
> *Illi l-esponenti jikkonkludi li l-kawża tal-ħsara tal-ħġieġ hija indubbjament "thermal stress"; illi fiċ-ċirkostanzi tal-installazzjoni, jiġifieri l-qies tal-pannelli, l-orjentazzjoni tal-bini, l-isporġenzi li jdellu parti mill-wiċċ tal-pannelli, u l-kulur u t-trattament tal-ħġieġ ħolqu sitwazzjoni fejn problemi ta' "thermal stress", kienu aktar possibbli u għalhekk kien hemm bżonn ta' attenzjoni speċjalizzata fl-għażla tal-materjal; u finalment illi fl-istess ċirkostanzi, kien ikun aktar indikat li jintuża ħġieġ li kellu l-ogħla reżistenza għall-effetti ta' "thermal stress", jiġifieri ħġieġ ittemprat aktar minn dak laminat. Mix-xhieda jidher li r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata kien offra stima biż-żewġ tipi ta' "safety glass", jiġifieri bi ħġieġ ittemprat kif ukoll ħġieġ laminat; mhuwiex ċar jekk kienx spjegat b'mod suffiċjenti d-differenza ta' prestazzjoni bejn it-tnejn, meta saret l-għażla."*

53. Di piu`, fir-rapport tiegħu l-Perit Torpiano jirreferi wkoll li x-xquq fil-ħġieġ mhumiex dovuti għal xi impatt. Fl-istess rapport il-Perit Torpiano irrefera wkoll għax-xhieda tal-Perit Michael Pace li xehed li fil-binja ma kienx hemm movimenti li setgħu jispjegaw il-ħsara fil-ħġieġ. Irrefera wkoll għar-rapport tal-Perit Albert Cauchi, li ma ra l-ebda sinjal ta' movement li seta' jikkawża l-ħsara fil-ħġieġ. Fil-fatt, fir-rapport, *ex parte*, tal-Perit Albert Cauchi, eżebit mar-rikors promotur Dok K, ġie konkluż li l-kawża tax-xquq fil-ħġieġ hija "*thermal shock*".

54. Fit-tweġibiet għad-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti, il-Perit Torpiano ikkonferma skont ir-Regolamenti Dwar Prodotti għall-Kostruzzjoni (305/2011EU) hemm obbligu fuq min jimmanifattura prodotti għall-użu f'bini biex tiġi ppreparata Dikjarazzjoni ta' Prestazzjoni dwar l-istess prodotti. Huwa ddeskriva wkoll li ħġieġ ittemprat jitfarrak jekk jinkiser, waqt li l-ħġieġ laminat huwa ħġieġ normali, u l-ħġieġ ittemprat huwa aktar sigur. Spjega ulterjorment li jeżisti ħġieġ li huwa laminat u ttemprat.

55. In vista tas-suespost, għalkemm ma ġiex attribwit direttament it-tort lill-appaltatur, madanakollu, ġie stabbilit b'mod ċar, li x-xquq fil-ħġieġ mhumiex dovuti għal ebda impatt, kif sostnut, mis-soċjeta' konvenuta, u li x-xquq huma definittivament riżultat ta' "*thermal stress*". Ladarba l-ħġieġ installat ma kienx l-aktar sigur, in vista tad-deskrizzjoni tal-Perit għad-diversi ħġieġ eżistenti, joħroġ evidentement, li dan l-ħġieġ installat fil-vertenza in eżami ma kienx l-aktar ħġieġ idoneju.

56. Meta is-soċjeta' intimata tittenta tiskolpa ruħha billi, tgħid li ġiet spjegata id-differenza fl-għoli fil-prezz bejn ħġieġ ittemprat u ħġieġ laminat lill-istess rikorrenti, b'mod verbali, dan l-argument ma jreġġix. Ma jirriżultax li ngħatat kwotazzjoni bil-miktub għal żewġ tipi ta' ħġieġ, ossija ħġieġ laminated u ħġieġ tempered. Minbarra hekk, l-argument tas-soċjeta' konvenuta li r-rikorrenti għażlu l-irħas ħġieġ huwa argument infondat għaliex kien proprju fl-obbligu tas-soċjeta' konvenuta bħala appaltatur li jara li jiġi installat l-aktar ħġieġ idoneju għall-każ partikolari fejn tpoġġa l-ħġieġ.

57. Fil-fatt, dwar l-obbligi tal-appaltatur il-ġurisprudenza nostrana taqbel li l-appaltatur mhux biss għandu jeżegwixxi x-xogħol mertu tal-appalt, iżda għandu jassikura wkoll li dak ix-xogħol ikun jiswa kemm għal dak li hija Bonta` kif ukoll dik li hija adattabilita` għall-użu li għalih l-appaltant ikun għamel l-ordni. Għalhekk jekk hu jagħmel ix-xogħol ħażin, lanqas ma huwa eskluż mir-responsabbilta` minħabba li hu jkun qagħad għal dak li ried il-kommittent (Kollez. Vol. XL PI p485). Jinkombi fuqu b'dover '*di resistere ad ordine che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte*' (Kollez. Vol.XXV PI p727). (Ara **Joe u Antonella Xerri vs Caruana & Cini Company Limited** (185/1999/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012.

58. Fis-sentenza **Joseph Schembri vs Emanuel Caruana** (534/1993) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru 2003, saret referenza għall-każ Mallia vs Fonk deċiża fl-24 ta' Jannar 1975fejn ingħad:

> *"L-imprenditur hu tenut jeżegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma 'bene e a regola d'arte secondo i patti stabbiliti, u fejn ma hemmx patti espresso, l-eżekuzzjoni għandha ssir skont l-intenzjoni tal-partijiet li żgur li ma kinitx li kellu jingħata xogħol ħażin."*

59. Fis-sentenza **Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjuġi Agius** (323/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2004, ġew enunċjati l-prinċipji dwar appalt:

> *"Bħala l-ewwel prinċipji huwa dottrinalment u ġurisprudenzjalment riċevut illi l-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l-quddiem juri difetti. L'imprenditore ha l-obbligo di eseguire bene l-opera commessagli, secondo I dettami dell arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria. (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "għandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xogħol tiegħu" (Kollez Vol XL PI p485).*
>
> *L-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett ta' l-appalt huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina (Kollez. Vol. XXXVII pIII p883). Għax kif jinsab ritenuto ukoll "f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu l-quddiem." (**Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe, Appell Kummerċjali deċiż fis-27 ta' Marzu 1972**).*
>
> *Dan hu hekk avolja ikun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skont l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu mogħtija mill-kommittent. E dovere dell appaltatore di resistere ad ordine che egli vedesse pregudizievole alla solidita` e contrary alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif aħjar imfisser u spjegat "l-appaltatur huwa obbligat u hu dejjem responsabbli li jagħti lill-appaltant opra sodisfaċenti, u ma jistax jallega li x-xogħol sar mhux sewwa għax hu għamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur huwa obbligat jirreżisti għal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.") Kollez. Vol XLII pII p1003)."*

60. Il-każ sopraċitat huwa sinjifikanti ħafna għall-vertenza odjerna, proprju għaliex l-appaltatur fil-każ taħt eżami ma jistax igħid li huwa installa ħġieġ laminated fuq rikjesta tar-rikrorenti għaliex kien fl-obbligu tiegħu li jinstalla l-aktar ħġieġ idoneju fiċ-ċirkostanzi sabiex ir-riżultat ikun sodisfaċenti u mingħajr ħsara.

61. Għalhekk, din il-Qorti, ser toqgħod ukoll fuq dak ikkonstat mill-Perit Tekniku minnha maħtur sabiex jistabilixxi l-entita` tal-ħsarat fil-ħġieġ, li f'dan il-każ ġie stabbilit li kien b'*thermal stress* u mhux bl-ebda impatt. L-opinjoni teknika m'għandhiex tiġi faċilment skartata mill-Qorti, diment li ma jirriżultawx raġunijiet

gravi li jpoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika. Mill-atti ma jirriżultax li hemm xi kritika għall-konklużjoni aġġunta jew li ntalbu periti perizjuri. Għalhekk, l-istess kostatazzjoni tal-Perit li x-xquq fil-ħġieġ saru minħabba "*thermal shock*" tikkostitwixxi prova ta' fatt, materjal istruttorju kontrollabbli mill-ġudikant.. Għalhekk għandha tingħata piż lill-fehma teknika, li m'għandhiex tiġi leġġerment injorata. (Ara **Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi noe** (102/1994/3) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju 2003.

62. Jiġi puntwalizzat ukoll, li jirriżulta li x-xquq fil-pannelli tal-ħġieġ ġraw konsegwenza ta' '*thermal stress*'. Jirriżulta wkoll, mill-kwotazzjonijiet bil-miktub eżebiti, fol 44 et sequitur tal-proċess, jagħtu biss kwotazzjoni għal ħġieġ laminat. Din il-Qorti tqis, li l-appaltatur f'dan il-każ ħareġ il-kwotazzjoni u mexxa x-xogħol u l-proġett rikjest bi ħġieġ laminat, meta seta' offra u ħareġ kwotazzjoni għal ħġieġ aktar sigur u ħġieġ aktar adattat għall-opra rikjesta.

63. Jiġi osservat, li Joseph Vella stess ammetta fix-xhieda, li kienu feġġu problem simili fuq proġetti oħra li kellhom jitbiddlu, u kien hu stess li ppropona ħġieġ ittemprat wara li kienu feġġew ix-xquq fil-każ in diżamina. Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, Joseph Vella ikkonferma li huwa kien ser jibdel il-ħġieġ madwar il-fond tar-rikorrenti iżda tħasseb li jista' jikkawża ħsara lill-ħġieġa akbar li tmiss mal-ħġieġ li fih feġġ ix-xquq.

64. Din il-Qorti tifhem id-delikatezza tal-appalt in kwistjoni. Mandankollu, l-appaltatur kien fl-obbligu li jipproproni u li jwaħħal l-aħjar materjal adattat għall-fond u għall-ambjent fejn kien ser jitwaħħal, għax huwa proprju l-obbligu tal-appaltatur li jforni l-aħjar materjal u l-aktar materjal sigur, sabiex ma jfeġġ l-ebda ħsara jew difett sussegwentement.

65. Konsegwentement, ix-xquq riskontrati fil-ħġieġ installat mis-soċjeta' konvenuta għandhom ikunu addebitati għall-appaltatur, ossija għas-soċjeta' konvenuta li ma waħħlitx il-pannelli tal-ħġieġ idoneji għall-użu fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami.

66. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

## Danni

67. Ir-rikorrenti, apparti responsabbilta għall-ħsarat, qed jitolbu wkoll li jiġu riżarċiti għad-danni sofferti konsegwenza tal-ħsara fil-ħġieġ.

68. Id-danni pretiżi mir-rikorrenti huma konsistenti f'kirjiet tal-fond in kwistjoni lill-industrija tal-films li r-rikorrenti jikkontendu li ma għamlux. Minn dokument eżebit a fol 92 jirriżulta, li fl-2017 ir-rikorrenti krew il-fond tagħhom għal aktar minn ħmistax-il ġimgħa bir-rata ta' Ewro 700 kuljum. Abbażi ta' dan, ir-rikorrenti qed isostnu li tilfu kirjiet simili lill-industrija tal-films, u dan minħabba x-xquq fil-ħġieġ fil-fond mertu ta' din il-vertenza.

69. Minn naħa l-oħra, is-soċjeta’ konvenuta issottomettiet li r-rikorrenti qed jibbażaw l-pretensjoni tad-danni abbażi ta’ korrispondenza, u ma ressqux l-aħjar prova a tenur tal-arttikolu 559 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta, għaliex ma pproduċiet l-ebda xhud in sostenn għall-pretensjonijiet tal-allegati danni.

70. Inoltre`, ġie sottolineat ukoll mis-soċjeta’ konvenuta, li l-Artikolu 1136 tal-Kodiċi Ċivili, jagħmel distinzjoni bejn danni akwiljani u danni kuntrattwali, f’dan il-każ si tratta ta’ danni kuntrattwali. Di piu`, ġie sostntut ukoll, li m’hemmx impediment assolut li d-dar tinkera, b’hekk ġie sottomess li l-allegati danni pretiżi ma ġewx ippruvati.

71. Din il-Qorti tqis li l-prova prodotta da parti tar-rikorrenti rigwardanti danni Ma kienet waħda sodisfaċjenti. Di fatti, ma ġiex stabbililt u ippruvat li d-dar ma nkrietx konsegwenza tax-xquq fil-ħġieġ. Anzi, jirriżulta illi, minkejja tali xquq, il-fond ġie mikri b’suċċess f’ċerti okkazzjonijet. Għalhekk, fil-karenza tal-prova, din il-Qorti tiċħad it-talba għad-danni.

72. Għaldaqstant, tiċħad il-ħames u s-sitt talba għad-danni għar-raġunijiet spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tas-soċjeta’ konvenuta;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta’ Framegrip Limited, tiddikjara li mhijiex il-leġittimu kontradittur u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

**Tiċħad** l-eċċezzjoni fil-mertu ta’ Framegrip Industries Limited;

**Tilqa’** l-ewwel erba’ talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

**Tilqa’** l-ewwel talba u tiddikjara lis-soċjeta’ intimata Framegrip Industries Limited kisret l-obbligi tagħha stante illi hija installat pannelli tal-ħġieġ li ma kinux idoneji għall-appalt mogħti lilha.

**Tilqa’** t-tieni talba u tiddikjara li s-soċjeta’ intimata Framegrip Industries Limited hija responsabbli sabiex tagħmel ix-xogħolijiet riparatorji billi tibdel il-pannelli tal-ħġieġ danneġġjati u tbiddilhom b’pannelli tal-ħġieġ idoneji għall-użu intiż għall-appalt mogħti.

**Tilqa’** t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna lis-soċjeta’ intimata Framegrip Industries Limited sabiex tagħmel ix-xogħolijiet kollha rimedjali billi tbiddel il-pannelli tal-ħġieġ

danneġġjati u tbiddilhom b'pannelli idoneji għall-użu sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tas-sentenza.

**Tilqa'** r-raba' talba tar-rikorrenti u fin-nuqqas li jsir dan mis-soċjeta' intimata, tawtorizzza lir-rikorrenti jagħmlu x-xogħolijiet neċessarji a spejjeż tas-soċjeta' intimata Framegrip Industries Limited.

**Tiċħad** il-ħames u s-sitt talba għad-danni tar-rikorrenti għar-raġunijiet spjegati.

**L-ispejjeż** għandhom ikunu kollha a kariku tas-soċjeta' Framegrip Industries Limited.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur